MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Rikors Numru. 267/1997/1

Carmen Camilleri
vs
Il-Ministru tas-Sahha u d-Dipartiment tas-Sahha u b' digriet tal-25 ta' Jannar 1999 gew kjamati fir-rikors il-Ministru responsabbli ghax-Xoghol u d-Direttur tax-Xoghol in rapprezentanza tad-Dipartiment tax-Xoghol u b' digriet tal-15 ta' April 1999 gie kjamat fir-rikors ic-Chairman tal-Employment and Training Corporation jew rapprezentant tieghu in rapprezentanza tal-istess

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra ir-rikors li r-rikorrenti bih ippremettiet wara illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz ghall-habta tat-8 ta' Marzu 1988, ir-rikorrenti sofriet ingustizja konsistenti fil-fatt illi giet diskriminata fuq il-post tax-xoghol.

Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita` taghhom, kienu s-segwenti:

Illi r-rikorrenti fil-perjodu indikat kienet impjegata bhala “Part-timer” fid-Dipartiment tal-Pulizija bhala kontrollur tal-prezzijiet liema xoghol kienet ilha taghmlu ghal cirka hames snin.

Illi sussegwentement kien hemm bidla fl-amministrazzjoni tal-pajjiz u dan l-inkariku gie terminat u r-rikorrenti bdiet tirregistra.

Illi giet offrut impjieg bhala Health Assistant liema inkariku hija accettat u peress li kienet mara mizzewga giet indikata taghzel f’liema Sptar xtaqet taghti s-servizz taghha.

Illi r-rikorrenti kienet ghazlet li tmur l-Isptar San Vincenz De Paule.

Illi bl-akbar ghageb tar-rikorrenti, wara introduzzjoni mill-Ministeru tas-Sahha ta’ dak iz-zmien, huwa indikalha li l-post tax-xoghol taghha kellu jkun l-Isptar Monte Carmeli.

Illi r-rikorrenti protestat mal-Ministru u l-Matron hadet hsieb tirretifika dan l-“izball” u r-rikorrenti giet mibghuta l-Isptar San Vincenz De Paule fejn giet moghtija l-punch card u numru relattiv, il-libsa u giet introdotta madwar is-Swali.

Illi fit-tieni gurnata tax-xoghol taghha r-rikorrenti giet avvicinata minn zewg gwardjani li nfurmawha li l-post tax-xoghol taghha ma kienx hemm izjed izda l-Isptar Monte Carmeli.

Illi hija kien bi hsiebha ggib biex issostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kien bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti, filwaqt li ghamlet referenza ghall-fuq espost u irreservat illi tressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talbet lil dan it-Tribunal jghogbu jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment

skond l-Att ta’ 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u tinghata rimedju billi jordna illi r-rikorrenti terga’ tinghata impjieg ta’ Health Assistant fl-Isptar San Vincenz De Paule u kumpens ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5000) sabiex jghamlu tajjeb ghat-telf u ingustizzja li sofriet minhabba l-agir diskriminatorju fil-konfront taghha.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Ministru tas-Sahha u tat-Tabib Principali tal-Gvern li biha eccepew:

Illi l-ebda impjieg mal-Gvern ma jigi offrut lil individwi, huma min huma. Il-procedura hija li tinhareg sejha ghall-applikazzjonijiet sabiex jimtlew postijiet vakanti. Il-persuni maghzula minn Bord mahtur apposta mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jigu mahtura sabiex jaghmlu x-xoghol li ghalih  ikunu applikaw. Tali hatriet jsiru esklussivament mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku.

Illi l-esigenzi tas-servizz jirregolaw x’ impjiegi jinghataw u ghalhekk l-individwu m’ghandu l-ebda diskrezzjoni.

Ghaldaqstant l-intimati, talbu lit-Tribunal joghogbu jichad it-talbiet ta’ Carmen Camilleri bl-ispejjez, stante li ma sehhet l-ebda ingustizzja ma’ Carmen Camilleri meta ntbaghtet tahdem l-Isptar Monte Carmeli.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimati.

Ra r-risposta tal-kjamati in kawza l-Ministru responsabbli ghax-Xoghol u tad-Direttur tax-Xoghol li biha eccepew:

Illi huma gew kjamati mit-Tribunal permezz ta’ digriet datat 25 ta’ Jannar 1999.

Illi din il-kjamata fir-rikors promotur saret inutilment stante illi huma m’ humiex il-legittimi kontradditturi ghall-lanjanzi tar-rikorrenti.

Illi l-unika responsabbilta` tad-Direttur tax-Xoghol meta jinhargu applikazzjonijiet biex jimtlew postijiet vakanti huwa li jforni lista ta' nies li jkunu qieghdin jirregsitraw ghax-xoghol u fl-ebda mod ma jkollu x' jaqsam mal-ghazla tal-post tax-xoghol li fih tkun ser tintbaghat il-persuna li tkun qeghda tirregistra.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant talbu lit-Tribunal joghgbu jilliberahom mill-osservanza tal-Gudizzju.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn qalet li qabel l-1987 hi kienet tahdem mal-Pulizija part-time bhala kontrollur tal-prezzijiet. Qalet li wara l-bidla fl-amministrazzjoni tal-pajjiz f'Mejju 1987 l-impjieg taghha gie terminat hesrem u ghalhekk marret tirregistra u wara sitt xhur baghtu ghaliha bhala Health Assistant fejn hi kienet ghazlet li tmur St Vincent De Paule u wara attendiet kors ta' madar gimgha St Lukes. Spjegat li kienet saret laqgha fejn hi kienet giet assenjata xoghol go l-Isptar Monte Carmeli H'Attard. Semmiet li fuq il-formola ta' l-applikazzjoni hi kienet indikat il-preferenza taghha biex tigi assenjata xoghol l-isptar St Vincent De Paule. Qalet li kienet spjegat il-preferenza taghha izda xorta ma nghatatx risposta u wara kienu dawruhom l-isptar tawha l-uniformi u l-punch card. Sostniet li kieent saret ingustizzja maghha peress li l-maggoranza tal-impjegati kienu gew assenjati fil-preferenza taghhom. Qalet li kienu baghtu ghaliha bil-miktub. Semmiet li meta kienu marru Doris Formosa u hi Hal-Far u kienu nfurmawhom li huma mizzewwgin kienu gew infurmata li kienu ser jinghataw prijorita` u talbuhom jindikaw liema sptar jixtiequ jmorru. Hi rreferiet ghar-rikors

promotur u kkoregiet il-kelma ‘Health Assistant’, din ghandha ssir ‘Hospital Auxiliary’ ghax ix-xoghol taghha kien bhal ta’ Doris Formosa. Esebiet ritratt a fol 93 tal-process li hu ritratt tal-uniformi li nghatat lilha mid-Dipartiment tas-Sahha.

Xehdet Doris Formosa li qalet wara l-elezzjoni tal-1987 peress li kienu jirregistraw kienu baghtu ghalihom biex imorru jahdmu fejn qabel kellhom jaghmlu gimgha kors St. Lukes. Ziedet tghid li kienu qalulhom li l-mizzewgin kellhom preferenza biex jaghzlu l-iktar sptar qrib taghhom. Qalet li kienu mlew applikazzjoni fejn ir-rikorrenti kienet ghazlet Has-Serh u hi ghazlet St. Lukes. Qalet ukoll li hi ghadha hemm sal-gurnata tal-lum, l-ewwel tlett snin kienu auxiliaries u llum tinsab fi skala 18. Hi kkonfermat li kienet segwiet kors flimkien mas-Sinjura Camilleri ta’ gimgha St. Lukes fejn ir-rikorrenti kienet ghazlet Has-Serh u minflok baghtuha Monte Carmeli.

Xehed Saviour Lautier li qal ma sab xejn fir-records ta’ Carmen Camilleri qatt kienet impjegata mad-Dipartiment tas-Sahha. Qal li fir-rigward ta’ Doris Formosa sab li giet impjegata mad-Dipartriment tas-Sahha bhala Hospital Auxiliary fis-6 ta’ Mejju 1991. Zied ighid li Doris Camilleri bdiet tahdem mad-Dipartiment tas-Sahha wara li applikat ghas-sejha tal-applikazzjoni mahruga mill-PSC ghal Hospital Auxiliary li kienet fil-gazzetta tal-Gvern tas-27 ta’ Frar 1990. Qal li wara din is-sejha ircevew zewg ittri wahda fil-11 ta’ Frar 1991 u l-ohra fis-6 ta’ Awissu 1991 mill-ufficcju tal-Prim Ministru li kien accetta numru ta’ kandidati biex jigu accettati bhala Hospital Auxiliary u fuq dawn il-listi isem ir-rikorrenti ma jidhirx. Zied li Hospital Auxiliary jaqa’ taht Group B u jigu mpjegati wara sejha ghall-applikazzjoni waqt li Health Assistant jigu appuntati biss wara li jkunu ghamlu kors ta’ sena.

Xehed Thomas Sammut rapprezentant tal-ETC li ghandu l-work history tar-rikorrenti fejn ma jidhirx li hi kienet giet impjegata mad-Dipartiment tas-Sahha. Hu esebixxa dok a fol 57 tal-process li juri li m’hemm l-ebda history records fir-rigward tar-rikorrenti u li jidher biss f’fol 58 li hi kienet mad-difensur tax-xerrejja.

Xehed <u>Mario Gatt</u> rapprezentant tad-Direttur tax-Xoghol li qal li fittex fil-lista ta’ hospital auxiliaries u Health Assistants fejn l-isem ta’ Carmen Camilleri deher ghal tlett darbiet izda mhux bl-ID No. tar-rikorrenti hekk kif jidher minn fol 67 tal-process. Izda qal li ma nstabu l-ebda records fir-rigward tar-rikorrenti.

Xehed <u>Adrian Attard</u> rapprezentant tad-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali li esebixxa dokument a fol 84 tal-process li juri l-unemployment benefit li hadet ir-rikorrenti fl-1987 u l-1988. Qal li mid-dokumenti jidher li l-ahhar li rregistrat ghax-xoghol Carmen Camilleri kien fit-3 ta’ Gunju 1988.

Xehed <u>John Busuttil</u> li jahdem bhala enrolled nurse Monte Carmeli u ilu jahdem hemm mill-1964. Qal li jiftakar li Carmen Camilleri kienet giet ghal xi zmien fejn kienet tkellmet mieghu li kienet tkun iktar kuntenta kieku kienet stazzjonata Has-Serh. Izda qal li wara dan ma kellux iktar kuntatt ma’ Camilleri.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi t-Tribunal josserva li ghandu quddiemu kaz verament stramb taht diversi aspetti. L-ewwel nett l-ilment tar-rikorrenti jirreferi ghal fatt li skond ma tallega hi meta dahlet tahdem mad-Dipartiment tas-Sahha giet mibghuta l-isptar Monte Carmeli u mhux St. Vincent De Paule kif kienet indikat bhala preferenza u kif skond l-istess rikorrenti kellha tinghata tali preferenza. Ta min isemmi li meta xehdu d-diversi rapprezentanti tad-dipartimenti dawn eskludew li r-rikorrenti kienet tahdem mad-Dipartiment tas-Sahha kif allegat. Savoiur Lautier ghad-Dipartiment tas-Sahha semma li isem ir-rikorrenti ma jirrizultax fuq il-listi tal-impjegati tad-Dipartiment tas-Sahha. Thomas Sammut rapprezentant tal-ETC semma li mill-work history tar-rikorrenti ma rrizultax li hi kienet tahdem id-Dipartiment tas-Sahha. Mario Gatt rapprezentant tad-Direttur tax-Xoghol semma li ma tirrizultax Carmen Camilleri bl-I.D. card tar-rikorrenti fil-lista tal-Hospital Auxiliaries u Health Assistants. Kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li ggib prova li kienet tahdem mal-imsemmi dipartiment, haga li setghet

facilment taghmilha permezz ta' letter of appointment, jew permezz ta' kopji tac-cekkijiet tal-paga jew xi mezz iehor. Certament it-Tribunal ma jistax joqghod fuq xhieda ta' Doris Camilleri li ddeponiet dwar li kienu jirregistraw ghax-xoghol u li attendew kors St. Lukes u li qatt ma hadmet flimkien maghha. Anqas ma jista' joqghod fuq John Busuttil li semma li r-rikorrenti kienet ghal xi zmien Mount Carmel u kelmitu u qaltlu li tinsab imdejqa u li wara ma rahiex aktar. Provi quddiem it-Tribunal iridu jsiru b' certu livell ta' serjeta` u billi tesebixxi ritratt ta' uniformi ma hux sufficjenti li tipprova li r-rikorrenti kienet tahdem. Dan kollu certament ma jistax iwassal ghal li saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrenti izda t-Tribunal izid li kwalunkwe talba tar-rikorrenti semmai messha giet diretta kontra hadd iehor hlief it-Tabib Principali tal-Gvern.

Infatti l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f' idejn il-Ministru. Fil-kaz in ezami r-rikorrenti ma tat ebda raguni ghaliex istitwiet il-kawza kontra l-Ministru tas-Sahha, id-Dipartiment tas-Sahha, Ministru responsabbli ghax-xoghol, id-Direttur tax-Xoghol u c-Chairman tal-ETC. Il-persuna li messha giet imharrka kien it-Tabib Principali tal-Gvern. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta` Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99].

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------